**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti Ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Roderick Agius]**

**vs**

**Ramona Magri**

Illum, 13 ta' Dicembru 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmija Ramona Magri detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 366583M.

Akkuzata talli f' dawn il- Gzejjer fit-18 ta' Ottubru 2017 u fil-jiem u xhur ta' qabel gewwa l-Belt Valletta u f'dawn il- Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kisret l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b'risoluzzjoni wahda kisret il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest impost fuqha mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Magistrat Dr. Carol Peralta LLD) li nghataw fit-08 ta' Awwissu, 2014.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmija Ramona Magri u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmija imputata kif ukoll tordna li s-somma imposta fuqha bhala garanzija personali imposta mill-istess Qorti tghaddi favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata tpoggiet taht ordni provizzorju ta' supervizzjoni.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tal-ksur tal-kundizzjonijiet u c-cirkostanzi li wasslu ghal dan il-ksur. Hadet in konsiderazzjoni ukoll dak li qalet l-ufficjal tal-probation dwar l-imputata u b'mod partikolari li l-imputata mhiex lesta taghmel program ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga minkejja li huwa dan il-vizzju li qed igibha f'kuntrast kontinwu ma'l-awtoritajiet.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u tikkundannaha erbgha xhur prigunerija u fil-waqt li tirrevoka l-helsien mill-arrest mghoti lill-imputata fit-8 ta' Awissu 2014 tordna r-riarrest taghha. In oltre l-Qorti qed tordna l-konfiska tal-garanzija personali f'l-ammont ta' tlett elef Euro (€3,000) favur il-Gvern ta' Malta.

**DR DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**